Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Numru. 453/2006

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Raymond D’Anastas)**

**vs**

**Philip Agius**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Philip Agius ta’ 22 sena, bin Alfred u Monica nee` Grech, imwieled Pieta` fit-23 ta’ Ottubru 1983 u residenti Flat 6, Block B2, Triq Nerik Sant, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 562483M;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn l-14 u l-15 ta’ April 2006, ukoll fit-23 ta’ April 2006 u/jew fiz-zminijiet ta’ qabel dawn id-dati;

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. U talli kiser l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema Artikolu gie impost fuqu nhar it-2 ta’ Novembru 2005 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano, u li sar definittiv dak in-nhar u ma jistax jigi mhassar.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Marzu 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga’ tisma’ l-provi mressqa sa dakinhar;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' PS 1579, Johann Mifsud illi fil-15 ta' April 2006, l-imputat kien gie arrestat u minn *strip search* li saritlu hekk kif kien ser jiddahhal fic-cella tal-*lock up*, instabu siringa mimlija b'likwidu hamrani u qafla imgezwra mal-istess siringa fil-qalziet ta' taht tal-istess imputat. Mill-istess xhieda jirrizulta wkoll, illi wara li gie mahrug mandat ta' arrest iehor fil-konfront tal-imputat, huwa gie arrestat fit-23 ta' April 2006, u qabel ittiehed fil-*lock up*, minn jeddu l-imputat ta lill-Ufficjali tal-Pulizija prezenti siringa uzata, mgharfa mahruqa, lazz taz-zarbun u turnavit[1]. Dan jirrizulta wkoll mill-okkorrenzi esebiti a fol. 12 sa 15 tal-process, apparti illi gie kkonfermat ukoll mix-xhieda tas-Supretendent Raymond D'Anastas, li fl-okkazzjoni tal-15 ta' April 2006, instabu siringa u xi affarijiet relatati mad-droga fil-pussess tal-imputat u illi fit-23 ta' April 2006, l-imputat stess ammetta li kellu fil-pussess tieghu xi affarijiet relatati mad-droga[2]. Fl-istqarrija li ta l-imputat fil-15 ta' April 2006[3], l-istess imputat ammetta illi dak in-nhar huwa kellu d-droga eroina fil-pussess tieghu u li "*kienet lesta biex nehodha*". Huwa stqarr ukoll illi kellu l-vizzju tad-droga u kien ilu jabbuza mid-droga ghal erba' snin. Jirrizulta wkoll illi l-imputat kien ghamel stqarrija ohra nhar l-24 ta' April 2006[4]. F'din l-istqarrija, l-istess imputat spjega kif fil-jum ta' qabel ossia fit-23 ta' April 2006, hekk kif kien ser jittiehed fil-*lock up* stante li kien inhareg kontrih mandat ta' arrest sabiex jidher il-Qorti l'ghada, minn jeddu huwa qal lis-Surgent li fuq il-persuna tieghu huwa kellu siringa, mgharfa, citric

[1] *Vide* xhieda ta' PS 1579 Johann Mifsud (a fol. 10 tal-process).
[2] *Vide* xhieda ta' Supretendent Raymond D'Anastas (a fol. 16 u 17 tal-process).
[3] A fol. 20 tal-process.
[4] A fol. 18 tal-process.

acid u turnavit. Huwa ghadda dawn l-oggetti lill-Ufficjali tal-Pulizija. Fl-istess stqarrija, l-imputat ammetta illi huwa kien ha d-droga eroina nhar it-23 ta' April 2006 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, u dan billi haraq l-istess droga fuq mgharfa, tefaghha fis-siringa u ttaqqab. Huwa ammetta wkoll illi kien ilu hafna jabbuza mid-droga u illi bejn il-15 ta' April 2006 u t-23 ta' April 2006, kien abbuza mid-droga eroina xi darbtejn jew tliet darbiet ohra.

Illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni matul dawn il-proceduri, madankollu fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2012, huwa qal hekk:-

"Xhud:- M'ghadnix niehu droga. Ilni clean sewwa issa.

Qorti:- Kemm ilek clean?

Xhud:- Nahseb ilni sentejn."[5]

Ghalhekk lanqas matul dawn il-proceduri, l-imputat fl-ebda mument ma nnega illi fil-fatt huwa kien fil-pussess tad-droga eroina fid-dati imsemmija fl-ewwel imputazzjoni.

Illi ghaldaqstant mis-suespost, il-Qorti hija sodisfatta illi l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tirrizulta sodisfacentement ippruvata, sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Magistrat Dr. Lawence Quintano, nhar it-2 ta' Novembru 2005[6]. Fir-rigward ta' din is-sentenza, is-Supretendent Neil Harrison xehed u kkonferma illi huwa kien l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur f'dak il-kaz u illi l-imputat kien l-istess persuna li ghalih kienet tirreferi dik is-sentenza[7]. Ghaldaqstant it-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tirrizulta wkoll sodisfacentement ippruvata, sal-grad rikjest mil-ligi.

[5] A fol. 80 u 81 tal-process.
[6] A fol. 29 u 30 tal-process.
[7] Xhieda tas-Supretendent Neil Harrison (a fol. 37 tal-process).

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda l-fedina penali aggornata tal-imputat li fiha diversi kundanni, fosthom erba' relatati ma' reati li jinvolvu d-droga ghal liema reati l-istess imputat inghata liberta` kundizzjonata darbtejn, Ordni ta' *Probation* u anke sentenza ta' tminn xhur prigunerija effettiva flimkien ma' multa. Dan apparti illi l-istess imputat kellu diversi kundanni ohrajn fosthom in konnessjoni ma' reati ta' serq ghal liema inghata zewg sentenzi ta' prigunerija sospiza u reati ohrajn taht il-Kap. 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Min-naha l-ohra, madankollu, l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni x-xhieda ta' Carmelo Dimech, kuntrattur li jimpjega lill-imputat. L-istess Dimech, li xehed darbtejn, ossia fit-8 ta' Awwissu 2012[8] u fis-26 ta' Novembru 2012[9] rispettivament, stqarr illi matul l-ahhar xhur, l-imputat kien jidher li qabad it-triq it-tajba tant li kien jahdem mieghu ghal sighat twal mit-Tnejn sas-Sibt u fil-festi pubblici u gieli anke hadem fil-Hdud. Huwa xehed ukoll illi kien ra kambjament kbir fl-imputat "*fl-ahhar sena jew sena u nofs*"[10]. Fix-xhieda tieghu, l-imputat xehed illi huwa m'ghadux jabbuza mid-droga u li jahdem hinijiet twal, inkluz *overtime* u jiehu hsieb li jmantni lill-ibnu[11]. Dan gie kkonfermat mill-Ispettur Dennis Theuma li fix-xhieda tieghu stqarr hekk fir-rigward tal-imputat "*… nista' nghid li f'dawn l-ahhar snin sab min jghinu u sab min jaghtih ix-xoghol u jahdem hafna u sa fejn naf jiena miexi fit-triq it-tajba … Fuq is-sinjur prezenti dawn l-ahhar snin ma wasalli xejn … Huwa kaz li nhoss li ghandu jinghata cans li jkompli jikkonsolida l-posizzjoni tieghu fis-socjeta`. Veru kien hemm zmien fejn qabad triq hazina biss kien kapaci jqum. Kien hemm ukoll ghajnuna ta persuni li tawh ix-xoghol u fil-fatt nikkonferma li llum ghaddej tajjeb u kelb tax-xoghol*".[12]

Illi ghalhekk in vista tal-premess, il-Qorti thoss illi piena karcerarja effettiva ma tkunx wahda idonea fic-cirkostanzi.

---

[8] A fol 69 sa 73 tal-process.
[9] A fol 85 sa 88 tal-process.
[10] A fol 86 tal-process.
[11] A fol 80 sa 84 tal-process.
[12] A fol 92 u 93 tal-process.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' multa ta' elf u erba' mitt Euro (€1400) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'din il-kawza, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba rigwardanti hlas da parti tal-imputat tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti qed tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet kollha relatati mat-tehid tad-droga li gew esebiti bhala Dok. JM u JM1 rispettivament, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------